**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 2082/99 AJM

Kawza numru

Jesken Limited

Vs

Steel Structures Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta' Settembru 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li hija bieghet u ssupplixxiet lis-socjeta' konvenuta partita ta' stainless steel ghal liema konsenja s-socjeta' konvenuta ghad baqala' li thallas is-somma ta' elf disa' mija wiehed u erbghin lira maltija u erbgha tlettin centezimu (LM1941.34); illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata ufficjalment sabiex thallas dan l-ammont izda ciononostante baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. konsegwentement tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1941.34 bilanc ta' somma akbar prezz ta' partita stainless steel mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fil-5 ta' Dicembru 1997.

Bl-interessi u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April 1998 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 1999 meta l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-10 ta' Novembru 1999 li permezz taghha eccepixxa illi s-socjeta' eccipjenti diga hallset lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tmint elef liri maltin (LM8,000) u ma fadlilha thallas xejn ghal dak li gie lilha mibjugh u kkonsenjat.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1997 is-socjeta’ attrici kienet dahlet f’arrangament mas-socjeta’ konvenuta sabiex tissuplixxiha b’materjal ta’ “stainless steel” ghax-xogholijiet li kienu qedin isiru fil-Gallerija Shopping Center tal-Fgura. Il-materjal gie provdut u x-xoghol sar izda meta s-socjeta’ attrici ppresentat il-kont taghha ghall-materjal u spejjes konnessi ghall-provvista, is-socjeta’ konvenuta ma qablitx mal-ammont indikat u minn jgheddha naqset is-somma ta’ LM1,801 mill-kont totali ta’ LM9801.74 billi halset, skond hi ghas-saldu, s-somma ta’ LM8,000.

Is-socjeta’ attrici isostni li l-kont, li kopja tieghu tinsaba fol 48 tal-process, jirrapresenta l-prezz tal-merkanzija ordnata u konsenjata, kif ukoll spejjes ta’ pustagg ghall-importazzjoni minn barra ta’ certa “items” li ma kienux ‘in stock’ u kellhom jingiebu Malta fl-aqsar zmien possibbli. Oltre dak li hemm fil-kont imsemmi s-socjeta’ attrici tghid li ma kien hemm ebda arrangamenti ohra.

Is-socjeta’ konvenuta tghid li hi ma ghandha thallas xejn billi l-ammont dovut gie imhallas. Ovvjament dan jsiffer li dak reklamat mis-socjeta’ attrici ma kienx jirrifletti l-valur tal-merkanzija supplita, u ma kienx jiehu in konsiderazzjoni certa discounts u arrangamenti li l-partijiet kienu ftehmu dwarhom. Infatti s-socjeta’ konvenuta ppresentat “statement” dettaljat tad-diversi ammonti li gew imnaqsa mill-kont u li b’kollox jammontw ghal LM2001.32. Ir-rappresentant tas-socjeta’ attrici ghalhekk spjega li l-ammont imnaqqas lill-attur kien anqas minn dak li kellu jitnaqqas.

Is-socjeta’ konvenuta qed tindika erbgha ‘items’ li jridu jitnaqsu mill-kont. Dawn huma:-

1. Valur ta’ oggetti ritornati lis-socjeta’ attrici.

2. Differenza fil-prezz tal-‘bending’ tal-pipes bejn dak allegatament miftiehem u dak invoicjat.
3. Spejjes tal-UPS li skond is-socjeta’ konvenuta kellhom jkunu a kariku tas-socjeta’ attrici.
4. Discounts miftehma u li ma inghatawx.

Hemm nuqqas ta’ ftehim bejn il-kontendenti dwar dawn l-‘items’ kollha u ghalhekk sejrin jigu ezaminati separatament.

**1. Returns.**

Is-socjeta’ konvenuta qed isostni li meta gie terminat ix-xoghol gew ritornati lill-attur diversi oggetti minnu supliti u li dawn, flimkien mal-ETP ta’ 5% fuqhom, ma gewx inmaqsa jew kreditati lill-konvenut. Dawn jammontaw ghas-somma ta’ LM376.07.

Jinghad qabel xejn li minn ezami tad-‘delivery notes’ kollha ezebiti paragunati mad-diversi partiti indikati fil-kont tas-socjeta’ attrici, jidher li l-kont jirrifletti l-ammont indikati fl-istess ‘delivery notes’. Dan pero’ ma jfissirx li l-kont tal-attur huwa necessarjament korrett billi mhux haga anormali li f’kuntratti simili l-ammont ordnat jkun jeccedi l-ammont mehtieg ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Infatti mill-mod kif hargu d-delivery notes u cioe minghajr prezzijiet, jidher bic-car li l-arrangament bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ bejgh izda pjuttost ta’ konsenja ta’ materjal minghajr indikazzjoni preciza ta’ kemm kien mehtieg finalment. L-attur qed isostni li huwa qatt ma ha lura “returns” izda kien biss ha lura “samples” li huwa kien ipprovda biex jippromwovi l-prodott tieghu. Ir-rappresentanti tal-socjeta’ konvenuta isostnu il-kuntrarju u cioe li l-attur, fil-presenta taghhom u l-impjegati tas-socjeta’ konvenuta, kien ha

lura diversi oggetti bhala "returns" u anke obbliga ruhhu li wara jibghat "credit note".

Il-lista pprezentata bhala Dok MC (fol 70) tal-process qatt ma giet ikkontestata mill-attur. Dan qatt ma qal li l-'items' hemm indikati ma kienux dawk li huwa effettivament ha lura. Hu illimita ruhu li jghid biss li ha lura s-'samples'. Izda jekk wiehed jezamina din il-lista (fol 70) jara mill-ewwel li dawn qatt ma setghu jkunu semplici 'samples' billi l-partiti hemm imsemmija jirrapresentaw diversi 'items' tal-istess partita – e.g. 13 Glass clips, 6 side outlet elbows etc. Mhux normali li wiehed jipprovdi bhala sample kwanti ta' l-istess oggett. Il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta ghalhekk hija aktar kredibbli u sejra tigi akkolta.

**2. Bending.**

Hawn insibu is-somma ta' LM504 li tirraprezenta d-differenza fil-prezz tal-'bending' tal-isteel pipes. Is-socjeta' konvenuta ssostni li kien intlahaq ftehim bejn il-kontendenti li kull tghawwig tal-pipes kellu jsir mill-attur bil-prezz ta' LM4.00 ghal kull "bend". L-attur izda pprezenta kopja ta' "fax" datata 30 ta' Settembru 1997 (fol 27) indirizzata lis-socjeta' konvenuta fejn fir-rigward jinghad espressament hekk:
"Following our recent conversation we are pleased to quote as follows:
Bending of pipes @ LM25.20 each pipe."

Din il-fax allegatament waslet fl-ufficini tas-socjeta' konvenuta qabel ma bdew isiru l-konsenji billi skond ma jidher mill-ewwel 'delivery note' Nru 3701 dawn bdew jsiru fl-10 ta' Ottubru 1997. Mark Cini r-rappresentant tas-socjeta' konvenuta jghid li hu qatt ma ra dan il-'fax' u li kien biss ha konoxxenza tieghu waqt il-kawza. Id-direttur l-iehor Alfred

Ellul lanqas biss isemmi din il-'Fax'. Huwa minnu, kif issottometta d-difensur tal-konvenut, li prova dokumentarja mhux necessarjament hija l-ahjar wahda, izda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma ssib ebda raguni ilghala ma ghandhiex taccetta bhala vera l-'quote' tat-30 ta' Settembru 1997 imsemmija. Ghalhekk it-tnaqqis maghmul mis-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward ma jistax jigi accettat.

**3. UPS.**

Giet imnaqsa ukoll mis-socjeta' konvenuta s-somma ta' LM67.20 rappresentanti l-prezz tal-Parcel Post ghal xi merkanzija li giet ordnata minn barra (inkluz 5% ETP). Dwar dan l-'item' ukoll hemm verzjonijiet konfliggenti billi s-socjeta' konvenuta issostni li l-attur kien wieghed li huwa kien "in stock" bill-merkanzija kollha mehtiega minnhom u konsegwentement jekk kellu xi haga nieqsa l-ispejjes kollha biex din tingieb minn barra bl-urgenza kellu jibatihom hu. F'dan ir-rigward ghandha terga ssir referenza ghal "FAX" tat-30 ta' Settembru 1997 u din fl-assenza ta' prova ohra konkreta ghandha tkun ta' direzzjoni ghall-Qorti. Infatti f'dan id-dokument jinghad espressament hekk: "*Please note* that we may ship items that are till now not requested, by urgent UPS so that your project will not be disrupted." (Sottolinear tal-Qorti). Minn dan il-kliem jirrizulta li minn qabel ma bdew il-konsenji s-socjeta' konvenuta kienet gja mgharrfa li kien hemm xi effetti li ma kienux 'in stock', illi dawn ma kienux mehtiega fil-prezent u li setghu jingiebu malajr bil UPS. Isegwi li kull spiza konnessa kellha tigi koperta mill-akkwirent stante li l-uzu ta' 'parcel post' kien ser jkun fl-interess tieghu minhabba n-natura maghgla tal-progett. Dan it-tnaqqis ghalhekk mhux qed jigi accettat.

**4. Discounts.**

Dwar 'discounts' insibu zewg 'items' separati. Dawk allegatament miftehma bejn il-kontendenti fuq il-prezz tal-materjal fornit. U dak rikjest mill-appaltatur fuq il-prezz globali tax-xogholijiet.

a) Discounts fuq prezzijiet.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li bid-diskors kien sar ftehim li mill-prezzijiet kwotati l-attur kellu jnaqqas bejn 8 u 10%. Dwar dan ma hemm xejn bil-miktub hlief notament (bil ball pen) fuq kopja ta' "quotation" li s-socjeta' attrici bghatet lis-socjeta' konvenuta fit-22 ta' Awissu 1997. F'din il-kopja li presumibilment giet ritornata lil-attur b'dan in-notament, hemm niktub hekk: "Prices can be discounted by a further 8%". L-attur jaccetta li sar diskors fuq 'discounts' izda jsostni li huwa qatt ma accetta l-percentagg imsemmi f'dan id-dokument u li kull promessa ta' discounts kienet marbuta ma obbligu ta' hlas sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Jannar 1998 kif jidher minn notament li sar mill-attur lis-socjeta' konvenuta fuq l-irecevuta tal-24 ta' April 1998 wara li sar il-pagament tat-LM8,000 (Fol 49). Dan qatt ma gie negat mill-konvenut.

In effetti n-notament imsemmi fuq l-FAX (fol 25) jammonta ghall-stedina maghmula lill-attur li jinghata dan id-discount ta' 8% u ma jirrizulta bl-ebda mod li din l-offerta giet accettata. Azi l-attur ikkonferma kategorikament li huwa irrifjuta li jghati tali discount ghalkemm kien preparat jikkunsidra xi percentagg inferjuri. Jirrizulta ukoll li l-pagament li sar mis-socjeta' konvenuta ma sarx f'Jannar izda xhur wara u cioe f'April ta' dik is-sena. Ghalhekk proprjament is-socjeta' konvenuta qatt ma setghet tivvanta 'claim' ghal discounts fuq il-prezzijiet. B'dana kollu mill-kont prezentat mill-attur lis-socjeta' konvenuta jidher li l-prezzijiet

hemm indikati huma “discounted” b’cirka 4.7% fuq il-prezz originarjament kwotat fil-“quotations” ezebiti mill-attur u mhux ikkontestati. Minn dan il-Qorti tifhem li l-attur onora il-hsieb li kien esterna mas-socjeta’ konvenuta li jakkordala “discount” ulterjuri, izda b’daqshekk ma jfissirx li s-socjeta’ konvenuta kellha d-dritt li minn jeddha tnaqqas percentaggi ohra fuq il-prezz kwotat. Dan it-tnaqqas ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

b) Discount dovut lill-appaltatur.

Is-socjeta’ konvenuta qed isostni li Ian Decesare, sid is-Shopping Centre fejn kien qed isir ix-xoghol talab “discount” ta’ LM500 fuq il-prezz globali intra priz mis-socjeta’ konvenut. Ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta jkompli jghid li hu kellem lill-attur dwar dan u intlahaq ftehim li l-attur kellu jerfa LM300 minn dan it-tnaqqis billi l-valur tal-materjal kien ghola mill-prezz tax-xoghol. L-attur jichad dan kollu anzi jghid li l-konvenut qatt ma kellmu dwar din il-haga.

Issa ma jirrizultax mill-provi prodotti li effettivament Ian Decesare ghamel talba simili billi dan ma ittellax u lanqas jirrizulta li l-kont tas-socjeta’ konvenuta lill-appaltatur tnaqqas bl-ammont ta’ LM500. Ghalhek din il-Qorti ma tistax taccetta, anke fl-assenza ta’ prova konkreta u anke bil-miktub, li tali discount inghata jew li gie accettat mill-attur. Dan it-tnaqqis ghalhekk mhux qed jigi accettat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi tillikwida l-ammot dovut lill-attur fis-somma komplessiva ta’ elf hames mija hamsa u sittin lira maltin sebgha u ghoxrin centezimu (LM1565.27) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont

lill-attur, bl-imghax legali mil-lum stante li l-ammont qed jigi likwidat illum u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.